MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Numru 861/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca**
**Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Keith Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Keith Bezzina ta’ 17-il sena iben Joseph u Patricia nee’ Fenech, imwieled Pieta’ nhar il-11/04/1989, u residenti Nru. 75 “Koala” Triq is-Saghjtar, Naxxar detentur tal-karta ta’ l-identita numru:176789(M) gie akkuzat talli:-

fit-12 t'April 2006 ghall-habta ta' l-4.00pm f'dawn il-gzejjer u cioe fil-Mosta, ikkommetta serq ta' mutur ta' l-ghamla Honda 185 bin-numru tar-registrazzjoni FAH-503 flimkien ma' persuna ohra ghad-detriment ta' Edward Bonello mill-Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b'sentenzi tal-Qorti Kriminali wahda ta' nhar it-18 t'April 2005 mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D. u l-ohra ta' nhar l-24 ta' Jannar 2005 mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol.7 tal-Process (Dok. VR3) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Victor Aquilina iddikjara "li minn verifiki li ghamlet il-Prosekuzzjoni rigwardanti t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ksur tal-kundizzjonijiet moghtija lill-imputat b'Sentenzi tal-Qorti Kriminali, wahda ta' nhar it-18 ta' April 2005 mill-Magistrat Dr A. Vella LL.D u l-ohra ta' nhar l-24 ta' Jannar 2005 mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera, liema Sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, jirrizulta illi l-imputat diga' inghata l-piena dwar dan il-ksur f'kawza ohra fejn l-Ufficjal Prosekutur kien l-Ispettur Kevin J. Farrugia u ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni qeghda tirtira din it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat."

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien

sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu, rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ddikjaraw li jaqblu li meta sehh ir-reat li jinkwadra ruhu fl-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat, l-imputat kellu inqas minn tmintax (18)-il sena.

Rat l-artikoli 37, 261(c) u (g), 267, 271(g), 279 u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Keith Bezzina, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li f'dan il-kaz japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Keith Bezzina ghall-piena ta' erbatax (14)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Keith Bezzina jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat din l-akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Keith Bezzina l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------